MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 628/2006

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Carmel Borg, iben Joseph, imwieled Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1961, Karta ta' l-Identita numru 506661(M)

Illum, 18 ta' Frar, 2011

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-19 ta' Awwissu, 2005 għal ħabta tat-8.30 a.m. ġewwa l-Imrieħel, approprja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, u ciioe' għodda li hija proprjeta ta' Equipment Hire Ltd,, li l-valur tagħhom hu ta' aktar minn mitt lira maltin iżda anqas minn elf lira maltin, li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minn hom speċifikat;

2. talli fl-istess data f'dawn il-Gżejjer, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' kundanna tapplika l-aprovvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------